# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M, LL.D.

Appell Nru: 210/2018

**Il-Pulizja**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Alexia Cross**

Seduta tad- 29 ta' Lulju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alexia Cross, detentrici tal-karta tal-identita' numru 316279 M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-sena 2006 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li saru b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor,

jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' Joseph Pulo ID 386149(M), ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai termini tal-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostani xjentement ghamlet uzu minn dokument falz ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali;

Aktar talli fl-istess zmien, lok  u cirkostanzi approprijat ruhha, billi dawrett bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Joseph Pulo ID 386149 (M), ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li biha, wara ammissjoni tal-imputata, sabitha hatja tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni u kkundannatha ghal-terminu ta' tlett snin prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alexia Cross prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2018 li bih talbet lil din il-Qorti **tikkonferma** s-sentenza appellata kwantu sejbien ta' htija izda **tvarjaha** kwantu l-piena erogata u dan billi tinghata piena aktar xierqa u li tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Rat il-fedina penali tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bi gravam illi din kellha tkun wahda ferm aktar miti u li tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz. L-appellanta tressaq l-argument illi l-ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi li qed ikunu riprodotti *verbatim*: "(a) il fatt li l-appellanta irregistrat ammisjoni; (b) il-fatt li l-appellanta kkoperat bis-shih mal-Pulizija, hekk kif iddikjarat il Prosekuzzjoni stess fil-proceduri odjerni, u kif hemm stipulat ukoll fis-sentenza appellata; (c) Il-fatt li l-appellanta kienet f'relazzjoni mas-sur Pulo u dan l-istess Sur Pulo xehed li hija kienet hallsitu xi haga mill-ammont u kien lest li jasal ghal ftehim ta' kif jithallas il-bilanc. Fil-fatt kien gie redatt ftehim liema ftehim ma setghax jigi onorat stante li l-appelanta kienet qed tiskonta sentenza. Hija ghadha disposta, kif dejjem kienet li thallas l-ammont ossia l-bilanc li ghad baqa' kif miftiehem. Di piu' l-istess parte civile xehed li ma riedx li hija tkun inkarcerata; (d) il fatt li hija kellha kondotta pjuttost nadifa, kif ukoll (e) il fatt li l-appellanta hija vittma tal-uzura kif wkoll ta' abbuz u li kkommettiet ir-reat li hi giet akkuzata bih sempliciment sabiex tipprova taghmel tajjeb ghad-dejn li kellha u tohrog mic-cirku vizzjuz li kienet tinsab fih";

2. Illi dan il-kaz kellu l-inizzju tieghu fis-sena 2008 dwar fatti li sehhew fis-sena 2006. Fil-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati li fihom instemghu diversi xhieda l-imputata rregistrat ammissjoni u dan f'udjenza tal-20 t'Ottubru, 2014. Il-process kien karatterizzat minn nuqqas ta' dehra tal-imputata meta finalment deheret u inghatat is-sentenza hawn skrutinata. Minn ezami tal-atti processwali jemergi illi l-imputata ammettiet ghal-delitti ta' natura serja hafna li kellhom konsegwenzi ugwalment trawmatici fuq il-vittma. Din il-Qorti ma taqbel xejn mar-ragunijiet mressqa mill-appellanta li l-ewwel Qorti "kellha" tiehu in konsiderazzjoni l-fatturi elenkati fl-ewwel konsiderazzjoni jekk bil-kelma "kellha" qed tallega li naqset milli tiehu dawk il-fatturi in konsiderazzjoni. Dan ghaliex jirrizulta mill-istess sentenza appellata li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dawk l-istess fatti inkluz l-ammissjoni taghha;

3. Illi l-imputata kienet passibbli ghal piena ta' seba' snin prigunerija ghall-ewwel imputzzjoni skond l-artikolu 308 u 310 tal-Kapitolu 9 kif vigenti f'dak iz-zmien u ghal piena minn terz sa zewg terzi tat-tieni u t-tielet imputazzjoni. Ghalhekk il-piena ta' tlett snin prigunerija kienet wahda proporzjonata tenut l-ammont ta' flus frodati fi sfond ta' abbuz ta' relazzjoni bejn l-imputata u l-vittma li wasslu ghall-prosekuzzjoni f'erba' delitti li minnhom l-ewwel Qorti, minkejja ammissjoni, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni evidentement ghaliex kienet alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohra;

4. Illi kif kostantement ritenut minn din il-Qorti, sakemm il-piena erogata tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn li jiddimostra li kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata, *qua* Qorti ta' revizzjoni ma ghandhiex fin-normalita' tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti li naturalment tkun ghexet il-kaz u kkalibrat il-piena skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Tajjeb li jinghad ukoll illi kif ukoll ritenut, l-ammissjoni ma ggibx maghha xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena u

meta tkun registrata ammissjoni, l-imputat jew imputata jistghu jistennew li jinghataw dik il-piena preskrivibbli fil-ligi minghajr ebda skont. Tajjeb li per ezemplari ssir referenza ghas-sentenzi Ir-Repubbblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' Frar, 1997, Ir-Repubbblika ta' Malta vs Mario Camilleri App Kriminali tal- 5 ta' Lulju 2002, l-Pulizija vs Emmanuel Testa App Krim tas-17 ta' Frar 2002 u ir-Repubbblika ta' Malta vs Edward Arthur Story tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Jannar 2016. In tema, qed issir referenza ukoll ghas-sentenzi Ir-Repubbblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo tat-3 ta' Dicembru, 2015 u Il-Puliizja vs Joseph Spiteri App Krim tal-5 t'Ottubru, 2016 fejn kien ritenut illi l-paraguni huma odjuzi u dan qed jinghad mhux ghaliex l-appellanta invokat xi paragun f'pieni moghtija f'kawzi ohra izda ghaliex huwa mportanti li jkunu skjerati l-principji kollha f'aggravju dwar il-piena;

5. Illi b'zieda ma' dak appena konsiderat hemm aspetti ohra li jehtieg li jkunu indirizzati u hekk ser isir sabiex il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell b'mod holistiku la darba hemm ragunijiet ghal dan. Jibda biex jinghad illi dan l-appell kien interpost lura fis-sena 2018. Il-Qorti kkoncediet diversi differimenti fuq talba tal-appellanta li wriet d-disposizzjoni taghha li ddawwar din il-folja ta' hajjitha waqt li qed tiskonta sentenza ta' habs fuq delitti simili ghal mertu ta' dan l-appell. Fuq talba tal-appellanta, l-Qorti ordnat li jithejja *Pre Sentencing Report* li minnu jirrizultaw diversi fatturi li din il-Qorti ser tikkunsidra *funditus* minghajr ma telenka jew taghmel rassenja ta' dettalji li thoss li huma ta' natura konfidenzjali;

6. Dan ir-rapport jelenka id-diversi stadji fit-trobbija tal-appellanta minn tfulitha sakemm bdiet tikser difrejha mal-ligi sal-punt fejn qed taghmel sforzi kbar biex tidhol fil-keffa tal-aspett riformattiv u riparattrici tal-piena. Minn dan ir-rapport

jirrizulta ukoll illi kienet saret medjazzjoni bejn l-appellanta u l-vittma bi promessa ta' hlas ta' dak lilu frodat li wassal sabiex kien iffirmat kuntratt bejniethom ghal hlas tas-somma f'rati mensili. L-istess appellanta kienet talbet differiment fit-tul qabel ma tinghata din is-sentenza u dan bil-ghan li turi li dak li obbligat ruhha li taghmel fil-fatt twettqu u minn dakinhar jidher illi l-appellanta kienet puntwali fil-hlasijiet mensili ta' mija u hamsa u ghoxrin ewro filwaqt li tinsab inkarcerata bl-ahhar ricevuta li ggib id-data tat-8 ta' Gunju 2021. Minn din l-ottika ghalhekk jidher li l-appellanta impenjat ruhha li ssewwi l-hsara minnha kagjonata u qed tkun kostanti f'dan ir-rigward;

7. Illi f'materja bhal dik in disamina l-Qrati taghna kemm il-darba rrikorrew ghall-mizura ta' bdil jew mitigazzjoni fil-piena jekk tizbokka l-hekk imsejha *window of opportunity*, cirkostanza din li mputati jew appellanti jafu jgharfu l-valur taghha u jisfruttaw il-klemenza tal-Qorti fis-sejbien tat-triq it-tajba jew jitilfu l-mira u jergghu lura ghall-hajja kriminuza taghhom. Minn ezami tal-assjem kollu tal-fatti ghad-disposizzjoni tal-Qorti, inkluz il-*Pre sentencing Report*, jidher illi din hija wahda minn dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-appellanta tista' tkun kandidata tajba ghal-gustizzja riparatrici u riformattiva. Hija gia qed tiskonta piena karcerarja fuq merti ohra u in rigward ressqet talba sabiex tinghata din is-sentenza peress illi tixtieq tapplika ghall-*parole* izda ma tistax taghmel dan minhabba li ghad trid tinghata din is-sentenza;

8. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi meta l-appellanta tressqet fuq dan il-kaz lura fis-sena 2008 gia kienet misjuba hatja ta' delitti bhal dawk mertu ta' dan l-appell. Minn dakinhar naturalment ghadda hafna zmien tant li l-appellanta qed tiskonta pieni dwar kawzi li ghaddew in gudikat dwar rejati kommessi wara is-sena 2008. Fl-assjem ta' dan kollu il-Qorti

hija disposta li tapplika l-eccezzjoni ta' riforma fil-piena bl-ebda riflessjoni fuq is-sentenza tal-ewwel Qorti li kienet verament konsiderevoli mal-imputata fl-erogazzjoni tal-piena. Il-Qorti qed takkolji is-suggeriment tal-Ufficcjal tal-Probation fir-rapport ferm dettaljat taghha meta ssuggeriet mhux li fil-konfront tal-appellant jkun applikat l-Att dwar il-Probation, izda li tkun applikata sentenza sospiza fil-massimu taghha oltre sanzjonijiet kawtelatorji ohra bhala mizuri ta' ghajnuna. Dan huwa possibbli biss ghaliex l-imputata ma inghatatx l-addebitu tar-recediva fl-imputazzjonijiet kontra taghha;

9. Illi ghalhekk l-uniku mod li dan jista' jsir hu li tkun ridimenzjonata l-piena u ghalhekk filwaqt illi tilqa' l-appell tiddisponi minnu billi tirriforma s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li fiha l-ewwel Qorti sabet lill-imputata hatja tal-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni u fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni u **tvarjaha** billi thassarha f'dik il-parti li fiha kkundannatha ghal terminu ta' prigunerija ghal tlett snin u minflok tikkundannaha ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) liema terminu ma jibdiex isehh hlief jekk l-appellanta tikkommetti delitt iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba' (4) snin mil-lum fit-termini tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali;

10. Illi mill-istess *Pre Sentencing Report* jemergi illi l-appellanta ghad jehtigilha ghajnuna u ghalhekk qed tqieghed lill-istess taht Ordni ta' Supervizzjoni fit-termini tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali ghall-istess perjodu ta' erba' snin oltre li titqieghed taht Ordni ta' Trattament ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum fit-termini tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali;

11. Il-Qorti fissret fi kliem car lill-appellanta l-obbligi taghha naxxenti minn din is-sentenza kwantu s-sentenza sospiza, l-Ordni ta' Supervizjoni u l-Ordni ta' Trattament u ser tghaddi

biex tistaqsi lill-istess jekk fehmitx l-ispjega tal-Qorti. Minn hawn l-quddiem, ic-cavetta tinsab f'idejn l-appellanta fir-rieda taghha li tkompli fit-triq tar-riforma u li kemm il-darba terga tizbalja il-bieb qieghed dejjem jinghalaq ghaliha bil-konsegwenzi li dan kollu jgib mieghu inkluz ghall-familja taghha.